MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Numru 672/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Johann Fenech)**
**vs**
**Antonio Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Antonio Borg** ta' 37 sena, iben John u Antonia *nee'* Camilleri, imwieled Zabbar nhar il-31 ta' Lulju, 1967, residenti f'Flt 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Binja K, Ent A, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 315967(M);

Talli fis-16 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tas-saghtejn nieqes ghaxra ta' wara nofsinhar (01.50 p.m) fit-Terminus Bar, li jinsab Triq il-Haddiema, Zurrieq;

(1) volontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Francica mill-Gzira, skond kif iccertifika Dr. Godfrey Borg MD ta' l-Isptar San Luqa;

(2) u aktar talli fl-istess data, lok u hin ksirt il-mistrieh u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti tal-kawza:

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi wara illi l-kwerelant Vincent Frangica rregistra rapport fl-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fit-22 ta' Gunju 2004 illi gimgha qabel kien aggredit mill-imputat u li dan dahhallu subghajh f'ghajnejh u li per konsegwenza sofra ferita gravi. It-tabib li ezamina lill-kwerelant fil-fatt ddikjara illi Frangica sofra brix fl-ghajn il-leminija u li kellu kumplikazzjonijiet fuq 'l wara tal-istess ghajn konsistenti fi stakkament tar-retina. Huwa kellu bzonn ta' intervent kirurgiku.

Il-kwerelant jghid illi meta huwa kien qieghed f'bar fil-pjazza taz-Zurrieq, kellu argument mal-imputat u dan tal-ahhar dahhallu subajh f'ghajnejh u minhabba f'hekk kellu jissubixxi tlett interventi kirurgici u ghamel madwar tlett gimghat l-isptar. Huwa qal li dam gimgha biex jaghmel ir-rapport bl-isperanza li jara xi miljorament guranta wara l-ohra izda meta ma felahx aktar, kellu jmur l-isptar kif ukoll ghand il-Pulizija.

L-imputat jikkonferma illi kien hemm argument verbali bejnu u l-kwerelant izda jinnega illi huwa qatt mess lill-kwerelant jew li hebbew ghal xulxin.

Ikkunsidrat illi l-provi f'din il-kawza huma konflingenti ghall-ahhar u ma hemm ebda prova cirkostanzjali li tista' tittiehed in konsiderazzjoni in sostenn tal-allegazzjoni tal-kwerelant.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------